V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għall-proposti – EACEA/15/12

Programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni"

Sistemi ta' Appoġġ għaż-Żgħażagħ – Sottoazzjoni 4.3

Appoġġ għall-Mobilità tal-Ħaddiema Żgħażagħ

(2012/C 139/10)

1. **Objettiv**

L-għan ta' din is-sejħa għall-proposti huwa li tappoġġja l-mobilità u l-iskambji ta' ħaddiema żgħażagħ bil-għan li tippromwovi l-ksib ta' ħiliet u kompetenzi ġodda sabiex dawn jarrikkixxu l-profil tagħhom bħala professjonisti fil-qasam taż-żgħażagħ. Billi tippromwovi l-esperjenzi ta' tagħlim transnazzjonali fit-tul għal ħaddiema żgħażagħ, din l-azzjoni l-ġdida sejra timmira wkoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-istrutturi involuti fil-proġett, li sejrin jibbenefikaw mill-esperjenza u mill-perspettiva l-ġdida miġjuba minn ħaddiem żagħżugħ li ġej minn sfond differenti. Billi tagħmel dan, din is-sejħa sejra ssaħħaħ in-netwerking fost l-istrutturi taż-żgħażagħ fl-Ewropa u sejra tikkontribwixxi għall-prijorità tal-politika biex tappoġġja, tirrikonoxxi u tipprofessjonalizza l-ħidma taż-żgħażagħ bħala għodda ta' politika trasversali fl-Ewropa.

Din is-sejħa tipprovdi għotjiet għal proġetti.

L-objettivi tas-sejħa għall-proposti huma dawn li ġejjin:

— Li tagħti lill-ħaddiema żgħażagħ l-opportunità li jesperjenzaw realtà tax-xogħol differenti f'pajjiż ieħor;

— Li tikseb għarfien aħjar tad-dimensjoni Ewropea tal-ħidma taż-żgħażagħ;

— Li ttejjeb il-kompetenzi professjonali, interkulturali u lingwistiċi tal-ħaddiema żgħażagħ;

— Li tippromwovi l-iskambju ta' esperjenzi u approċċi għall-ħidma taż-żgħażagħ u l-edukazzjoni mhux formali fl-Ewropa;

— Li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sħubijiet iktar b'saħħithom u ta' kwalità aqwa bejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ madwar l-Ewropa;

— Li ssaħħaħ il-kwalità u r-rwol tal-ħidma taż-żgħażagħ fl-Ewropa.

Prijoritajiet

Sejra tingħata preferenza lil dawk il-proġetti li jirriflettu bl-aħjar mod dawn il-prijoritajiet li ġejjin:

(i) Il-prijoritajiet permanenti tal-Programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni"

— Il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ;

— Id-diversità kulturali;

— Iċ-ċittadinanza Ewropea;

— L-inklużjoni ta' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet.

(ii) Il-prijoritajiet annwali tal-Programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni"

— Il-qgħad, il-faqar u l-marġinalizzazzjoni fost iż-żgħażagħ;

— L-ispirtu ta' inizjattiva, kreattività u intraprenditorija, l-impjegabbiltà;

— L-isport ta' bażi u l-attivitajiet fil-beraħ;

— L-isfidi ambjentali fuq livell globali u t-tibdil fil-klima.

2. **Applikanti eliġibbli**

Il-proposti għandhom jiġu sottomessi minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jkunu:

— Organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs);

— Korpi attivi f'livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ (ENGO), li jkollhom organizzazzjonijiet membri f'mill-inqas tmien (8) Pajjiżi involuti fil-Programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni";

— Korpi pubbliċi bbażati fuq livell reġjonali jew lokali.

Dan japplika kemm għall-organizzazzjonijiet applikanti kif ukoll għal dawk imsieħba.

L-applikanti għandhom – sad-data ta' skadenza speċifikata għas-sottomissjoni tal-proposti tagħhom – ikunu ġew irreġistrati legalment għal mill-inqas sentejn (2) f'wieħed mill-Pajjiżi Involuti fil-Programm.

Il-Pajjiżi Involuti fil-Programm huma dawn li ġejjin:

— l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit ([1]);

— dawk il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA): l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera;

— il-pajjiżi kandidati li għalihom ġiet stabbilita strateġija ta' qabel l-adeżjoni, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u mat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fil-ftehimiet ta' qafas li ġew konklużi ma' dawn il-pajjiżi fid-dawl tal-pareteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-UE: Il-Kroazija u t-Turkija.

Il-proġetti għandhom ikunu bbażati fuq sħubija b'saħħitha bejn żewġ (2) imsieħba minn żewġ (2) Pajjiżi differenti involuti fil-Programm, li mill-inqas wieħed (1) minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE, li jaġixxu rispettivament bħala organizzazzjoni li tibgħat u organizzazzjoni li tospita lill-haddiem(a) żgħażagħ involuti fil-proġett.

Wieħed miż-żewġ imsieħba jassumi r-rwol ta' organizzazzjoni li tikkoordina u japplika għall-Aġenzija Eżekuttiva għall-proġett kollu f'isem it-tnejn.

Wieħed għandu jinnota li taħt din is-sejħa għall-proposti ma tistax tiġi sottomessa iktar minn proposta waħda għal proġett mill-istess applikant.

3. **Azzjonijiet u parteċipanti eliġibbli**

Il-proġett għandu jinkludi attivitajiet mingħajr skop ta' qligħ li huma relatati mal-qasam taż-żgħażagħ u l-edukazzjoni mhux formali.

Il-proġetti għandhom jinbdew bejn l-1 ta' Novembru 2012 u l-1 ta' April 2013.

Il-proġetti għandu jkollhom tul massimu ta' 12-il xahar. Il-perjodu tal-mobilità għandu jkollu tul minimu ta' xahrejn u tul massimu ta' 6 xhur.

([1]) Persuni minn pajjiżi u territorji barranin u, jekk applikabbli, istituzzjonijiet pubbliċi jew privati bbażati hemmhekk, huma eliġibbli taħt il-Programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni", skont ir-regoli tal-programm u dawk li japplikaw fl-Istat Membru li miegħu huma konnessi. Lista ta' dawn il-pajjiżi u territorji barranin hija mogħtija fl-Anness 1A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin fil-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ta' Pajjiżi Barranin") ĠU L 314, 30.11.2001: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:2001D0822:20011202:MT:PDF

Il-parteċipanti fil-proposti sottomessi taħt din is-sejħa għall-proposti għandhom ikunu ħaddiema żgħażagħ professjonali li jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni". Dan jikkonċerna kemm lill-impjegati li jaħdmu bi ħlas kif ukoll lil dawk li jaħdmu bħala voluntieri f'organizzazzjonijiet mhux governattivi jew korpi pubbliċi reġjonali jew lokali li huma attivi fil-qasam taż-żgħażagħ. M'hemm ebda limitu fl-età tal-parteċipanti.

Sabiex jiġi żgurat li jinkisbu l-benefiċċji massimi mill-esperjenza tal-mobilità tat-tagħlim kemm għall-parteċipant(i) individwali kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tagħhom li jibagħtu u li jospitaw, hemm bżonn ta' minimu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali dokumentata u rilevanti fil-qasam tal-ħidma taż-żgħażagħ.

Il-ħaddiema żgħażagħ għandu jkollhom kooperazzjoni ċara, regolari, strutturata u stabbli mal-organizzazzjoni tagħhom li tibgħat. Dawn għandhom jiġu identifikati fil-formola tal-applikazzjoni.

Il-proġetti sejrin jappoġġjaw il-mobilità individwali ta' sa żewġ (2) ħaddiema żgħażagħ. Meta jkunu involuti żewġ ħaddiema żgħażagħ, il-proġett għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju tar-reċiproċità, jiġifieri għandu jkun hemm skambju reċiproku ta' ħaddiema żgħażagħ bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet imsieħba. Dan għandu jippermetti wkoll li l-imsieħba jżommu l-istabbiltà fir-riżorsi umani tagħhom.

Il-ħaddiema żgħażagħ involuti fuq bażi volontarja għandhom jipprovdu prova li huma għandhom konnessjoni b'saħħitha, kif ukoll kooperazzjoni regolari, strutturata u fit-tul mal-organizzazzjoni tagħhom li tibgħat.

Din is-sejħa mhijiex immirata għal dawk il-voluntiera żgħażagħ li jaħdmu okkażjonalment f'organizzazzjoni taż-żgħażagħ jew f'entità pubblika.

4. **Kriterji tal-għoti**

L-applikazzjonijiet eliġibbli sejrin jiġu vvalutati abbażi ta' dawn il-kriterji li ġejjin:

— Ir-rilevanza tal-proġett fir-rigward tal-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u tas-sejħa għall-proposti (25 %)

  F'dan ir-rigward, sejrin jiġu vvalutati l-aspetti li ġejjin:

  (a) il-proġett jissodisfa l-objettivi u l-prijoritajiet ġenerali tal-Programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni";

  (b) il-proġett jissodisfa l-objettivi u l-prijoritajiet speċifiċi ta' din is-sejħa għall-proposti.

— Il-kwalità tal-proġett u tal-metodi ta' ħidma li jinkludi (60 %)

  F'dan ir-rigward, sejrin jiġu vvalutati l-aspetti li ġejjin:

  (a) il-kwalità għolja tal-programm ta' ħidma f'termini ta' kontenut u metodoloġija (inkluż il-kwalità tal-preparazzjoni u l-fażijiet ta' evalwazzjoni), iċ-ċarezza, il-konsistenza, l-aspetti innovattivi u d-dimensjoni Ewropea tiegħu. Il-koerenza tal-programmi ta' attivitajiet meta jkunu involuti żewġ ħaddiema żgħażagħ;

  (b) il-kwalità tas-sħubija, u b'mod partikolari ċ-ċarezza tal-kompiti, id-deskrizzjoni tar-rwol attwali tal-imsieħba fil-kooperazzjoni, kif ukoll l-esperjenza u l-motivazzjoni tal-imsieħba biex iwaqqfu l-proġett u biex ikomplu jiżviluppaw il-ħidma taż-żgħażagħ. L-impenn tal-imsieħba biex jipprovdu appoġġ xieraq lill-parteċipanti;

  (c) il-parteċipazzjoni attiva tal-ħaddiema żgħażagħ fid-definizzjoni tal-proġett;

  (d) l-impatt u r-rilevanza tal-proġett fuq il-kompetenzi professjonali tal-parteċipanti, kif ukoll fuq il-bini tal-kapaċità tal-imsieħba involuti (pereżempju, involviment ikbar f'attivitajiet internazzjonali jew l-iżvilupp ulterjuri ta' attivitajiet ta' ħidma taż-żgħażagħ);

  (e) il-valur miżjud muri mill-proġett fuq l-istrutturi involuti;

  (f) il-viżibbiltà tal-proġett bħala l-kwalità tal-miżuri mmirati għad-disseminazzjoni u l-isfruttar tar-riżultati tal-proġett;

  (g) l-effett multiplikatur tal-proġett, kif ukoll il-vijabbiltà fit-tul u l-potenzjal tiegħu li jirriżulta f'kooperazzjoni kontinwa u sostnuta, f'attivitajiet kumplimentari jew f'benefiċċji dejjiema għall-imsieħba u l-parteċipanti involuti;

  (h) il-konsistenza tal-baġit mal-attivitajiet ippjanati fil-programm ta' ħidma.

— Il-profil tal-promoturi/parteċipanti involuti fil-proġett (15 %)

F'dan ir-rigward, sejrin jiġu vvalutati l-aspetti li ġejjin:

(a) l-involviment tal-promoturi u/jew tal-parteċipanti li jaħdmu ma' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet jew ma' żgħażagħ qiegħda;

(b) il-motivazzjoni u l-impenn tal-ħaddiema żgħażagħ biex jieħdu sehem fl-esperjenza tal-mobilità, biex jikkontribwixxu fl-attivitajiet tal-istruttura li tospita u biex ixerrdu r-riżultati tat-tagħlim mill-esperjenza fil-kuntest lokali tagħhom hekk kif jaslu lura f'pajjiżhom.

5. **Baġit**

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament tal-proġetti taħt din is-sejħa għall-proposti huwa stmat għal EUR 1 000 000.

L-għotja massima ma għandhiex tkun ta' iktar minn EUR 25 000.

L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli. Barra minn hekk, minkejja li fil-proġetti magħżula sejra tiġi mfittxija rappreżentazzjoni ġeografika bbilanċjata, il-fattur determinanti ewlieni fir-rigward tan-numru ta' proġetti ffinanzjati għal kull pajjiż sejjer ikun il-kwalità.

6. **Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet għal għotjiet għandhom isiru f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE, permezz tal-formola elettronika li tfasslet apposta għal dan il-għan.

Il-formoli jistgħu jinkisbu minn fuq l-Internet minn dan l-indirizz li ġej:

http://eacea.ec.europa.eu/youth/index_en.htm

L-applikazzjoni elettronika mimlija kif suppost għandha tiġi sottomessa sa **12:00 (f'nofsinhar, Ħin ta' Brussell) fit-3 ta' Settembru 2012.**

Għandha tintbagħat ukoll verżjoni stampata tal-applikazzjoni **sat-3 ta' Settembru 2012** fuq dan l-indirizz li ġej:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency
Youth in Action Programme — EACEA/15/12
BOUR 4/029
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

— bil-posta (data tat-timbru postali),

— permezz ta' kumpanija li toffri servizzi ta' kurrier espress, bid-data tal-irċevuta mill-kumpanija msemmija sservi bħala prova tal-postaġġ (kopja tal-irċevuta oriġinali tad-data tad-depożitu għandha tiġi inkluża fil-formola tal-applikazzjoni).

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu permezz ta' fax jew e-mail ma jiġux aċċettati.

7. **Informazzjoni addizzjonali**

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet inklużi fil-Linji Gwida għall-Applikazzjoni – Sejħa għall-proposti EACEA/15/12, għandhom jiġu sottomessi fuq il-formola tal-applikazzjoni mogħtija għal dan il-għan u għandhom jinkludu l-annessi rilevanti.

Dawn id-dokumenti jistgħu jinstabu fuq l-Internet fl-indirizz li ġej:

http://eacea.ec.europa.eu/youth/index_en.htm